# MERĦLA NGĦAĠ

F'baħar tan-nar niżlet ix-xemx: id-dija
Għadha titnikker bejn is-sema w l-ilma.
Bdiet taqa' r-reżħa ta' lejla xitwija,
Xi kewkba 'l hawn u 'l hinn diġa bdiet tilma.

Tisma' għaddej il-mixi tar-ragħajja
U tara merħla ngħaġ tkarkar quddiemhom:
U f'dak is-skiet (donnu ħaġa bla ħajja)
Ta' dawk in-nies beżlin tisma' ġej kliemhom.

Waqt li band'oħra qiegħda tmut bil-qabda
In-nies fi ġlieda ta' mibegħda w biża',
Waqt li band'oħra fl-art, fid-demm, lmsabbta
Jinsabu, fl-aħħar raqda, tfal u nisa,

Hawn m'hawnx ħlief skiet: *biss* jaqa' taħt għajnejja
Xi kelb għassies jew merħla ngħaġ għaddejja.

30/X/'40. Ġużè Chetcuti.